

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EULEX/1/2010****tas-27 ta' Lulju 2010****dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO**

(2010/431/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/124/PESK tal-4 ta' Frar 2008 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(2) tagħha,

Billi:

- (1) Fl-4 ta' Frar 2008 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK li stabbilixxiet il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO (minn hawn 'il quddiem "EULEX KOSOVO").
- (2) Fit-8 ta' Ġunju 2010 l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/322/PESK <sup>(2)</sup> li testendi t-tul tal-EULEX KOSOVO sal-14 ta' Ġunju 2012.
- (3) Taħt l-Artikolu 12(2) tal-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà hu awtorizzat, b'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-eżerċizzju tal-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika ta' EULEX KOSOVO, inkluża d-deċiżjoni tal-ħatra ta' Kap tal-Missjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Xavier BOUT DE MARNHAC huwa b'dan maħtur Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO mill-15 ta' Ottubru 2010.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EULEX/1/2008 tas-7 ta' Frar 2008 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX Kosovo <sup>(3)</sup> hija b'dan imħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika sal-14 ta' Ottubru 2011.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà**Il-President*

W. STEVENS

<sup>(1)</sup> ĠU L 42, 16.2.2008, p. 92.

<sup>(2)</sup> ĠU L 145, 11.6.2010, p. 13.

<sup>(3)</sup> ĠU L 42, 16.2.2008, p. 99.